Minuti tal-laqgħa numru tnejn u għoxrin (22) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR)li nżammet fis-16 ta' Settembru, 2020 fis-6.05pm fi 30 & 34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku (on-line) |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier (on-line) |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier (on-line) |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużat: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-membri qalu t-talba flimkien. Fil-bidu kien hemm nieqsa is-Sinjuri Kris Grech u Ian Vassallo.

22.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġiji** — *Talba u ittra ta' apoloġija*

Inqrat l-e-mail ta' apoloġija tas-Sur Rudolph Grima u dan kien skużat unanimament.

22.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru wieħed u għoxrin (21)** — *Minuti*

Il-Minuti tal-laqgħa numru wieħed u għoxrin kienu approvati unanimament wara li tressqu għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mis-Sur Chris Farrugia.

**Punti mill-Minuti**

22.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se nduru l-faċċata tal-latrina ta' Triq il-Kulleġġ billi jinqala' l-ħajt diviżorju tal-parapett, tiġi unvjata l-faċċata u titkaħħal mil-ġdid. Ikun jonqos imbagħad illi jitranġa l-madum tal-parapett sabiex din imbagħad tiftaħ għal nofs Ottubru 2020. — *Latrina ta' Triq il-Kulleġġ*

22.02.02 Is-SE kien mitlub mis-Sindku jagħti elenku tal-offerti pubbliċi. Hu qal illi hemm għall-evalwazzjoni dawk tal-latrina ta' Triq Santa Rita, tal-*Customer Care System*, tal-*Van*, aktar tard f'din il-laqgħa se jkun ikkunsidrat ir-rapport tar-restawr tan-niċċa tal-Karmnu. Bħalissa hemm ippubblikati s-sejħiet għall-offerti pubbliċi tal-vettura, tal-ġbir tal-iskart, tat-tarmak, tal-bankini (mhux konkos) u tal-Binja tal-Kunsill. — *Tenders*

22.02.03 Dwar dik tar-*resurfacing*, is-Sur Chris Farrugia qal illi ħafna drabi meta dan isir bil-*cold asphalt* tkun qed traqqa' għal ftit żmien u imbagħad jieħu kollox l-ilma tat-toroq. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi rridu nippjanaw kollox biex il-kuntrattur jibda' f'Mejju 2021 u nagħtuh *time frame*. Hu żied jgħid illi għandna ħafna sqaqien li kienu miksija bil-*patterned concrete* li llum għamlu żmienhom u jinħtieġ li jsiru mil-ġdid bil-pavimentar. — *Resurfacing*

22.02.04 F'dan il-punt issemma wkoll il-filmat li deher fuq il-media soċjali dan l-aħħar, wara maltempata li għamlet fejn fi Triq Gorg Borg Olivier, fejn dehru widien għaddejjin minn biswit il-gradi tal-ilma mingħajr ma jaqa' fihom l-ilma tax-xita. Dwar dan tkellem aktar tard is-Sur Ian Vassallo. — *Triq Gorg Borg Olivier*

22.02.05 Intant, is-Sur Matthew Chetcuti irrefera għal diversi toroq li hemm maqlugħin kollha in-naħa tac-*Chadwick Lakes* u wkoll reġgħet issemmiet Triq Lawrenti li min-naħa tiegħu is-Sindu, is-Sur Sandro Craus qal illi se tkun asfaltata mil-Gvern Ċentrali. — *Diversi toroq*

22.02.06 Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-*Community Policing* liema suġġett dan l-aħħar reġa' kien fil-media, fejn is-Sindki tlaqqgħu kollha mil-Ministru tal-Intern, l-Onor Byron Camilleri fil-Foss tal-Imdina. Minkejja din il-laqgħa, dawn għadhom ma ġewx — *Community Policing*

*launched* u l-KLR kellu kliem ta' tifħir għat-tneħħija ta' diversi vetturi u dgħajjes mitluqin fit-toroq f'diversi żoni tar-Rabat mill-Pulizija.

22.02.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-proġett tal-Ministeru tal-Infrastruttura fuq iz-zuntier tal-Bażilika tar-Rabat. Hu qal illi issa x-xogħlijiet imxew sew u dawn se jingħalqu dalwaqt. Zuntier tal-Bażilika

22.02.08 Is-Sur Marco Scerri ta kopja tal-andament finanzjarju għax-xahar ta' Awwissu. Hu qal illi dan kien xahar verament iebes u minkejja dan '*we broke even'.* Andament Finanzjarju

F'dan il-punt, fis-7.00pm daħlu għal-laqgħa is-Sinjuri Kris Grech u Ian Vassallu u ħareġ is-Sur Chris Farrugia li kien skużat.

22.02.09 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar ir-restawr meħtieġ u neċessarju tal-Kappella tal-Kunċizzjoni. Hu qal illi ppreżenta ir-rapport lill-Onor Jose' Herrera biex ikun ikkunsidrat ir-restawr mil-Gvern Ċentrali peress li din hija kappella tal-Awtorita' tal-Artijiet. Il-Kappella tal-Kunċizzjoni

22.02.10 Is-Sindku ippropona aktar tard matul il-laqgħa li l-KLR jisponsorja maskra tat-tessuti lit-tfal kollha ta' Skola Primarja A. Hu qal illi fuqha se jkun hemm ukoll l-isem ta' kull tifel/tifla rispettiv u dawn se jsiru mis-Sra Suzanne Smith. Maskri tat-tessuti

22.02.11 Kien deċiż biex jinfetaħ account tal-BOV speċifikament dedikat għal LC other entities account skont id-direttiva tad-Dipartiment Gvern Lokali. BOV Account ġdid

22.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 31 u Ċedola tal-pagamenti numru 312** Ċedola tal-pagamenti u Works Orders

Kienu approvati u ffirmati skont kif murija fuq id-dokumenti oriġinali l-*Works Order* 31 u ċ-ċedola tal-pagamenti numru 312.

22.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

22.04.01 Is-Sur Kris Grech qal illi mhix aċċettabbli illi jinqata' l-ħaxix u flimkien mat-terrapien tħallew fil-Wied tal-Fiddien wara li l-kuntrattur kien qal li din hija xi ħaġa temporanja. Qtugħ tal-ħaxix ħażin

22.04.02 Kien hemm mistoqsija dwar il-fanali l-ġodda tat-toroq. Hawn intqal illi hemm tmienja minnhom mhux jixgħelu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hemm uħud minn dawn il-fanali li jridu jitqabbu mal-linji (grid) tal-Korporazzjoni Enemalta.Osservanza oħra kienet jekk verament il-Pjazza tal-Parroċċa ġietx tixgħel b'dawl eċċessiv. Fanali tat-toroq

22.04.03 B'riferenza għall-applikazzjoni li l-KLR qed iħejji dwar il-vetturi li jaħdmu bil-batterija biex dawn ikunu qed jaqdu s-servizzi tar-Rabtin, is-Sur Matthew Chetcuti qal illi fil-laqgħa tar-Reġjun li nżammet dan l-aħħar kien hemm diskussjoni dwar dan b'riferenza għal *tapping* ta' fondi Ewropej. Intant il-KLR se jkompli bl-applikazzjoni tal-*European Mobility Week*, wara li ħa l-konferma illi l-Imdina se jissieħbu magħna u għaldaqstant se tkun applikazzjoni konġunta. Applikazzjoni tal-European Mobility Week

22.04.04 Għall-mistoqsija li saret dwar il-post tal-Agostinjani, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi jinħtieġ illi jinħatar kumitat apposta biex ix-xogħol jimxi aħjar. Għal dan il-kumitat inħatru l-kunsillieri, is-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Ian Vassallo u s-Sur Kris Grech. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Alfred Grixti offra l-għajnuna tal-ħaddiema tiegħu filwaqt li l-KLR se jkun qed jilqa' donazzjonijiet biex dan il-proġett ikun suċċess. Post tal-Agostinjani

22.04.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus għall-mistoqsija jekk iddaħħlitx l-oġġezzjoni tal-KLR biex ma jsirx l-iżvilupp fil-Wied t'Għeriexem, informa lill-kunsillieri illi dawn l-oġġezzjonijiet saru separatament. Is-SE qal illi waħda minnhom daħlet bl-e-apps u l-oħra permezz ta' e-mail peress li kien skada ż-żmien. Hawn intqal illi diġa' niżżlu gaffa u hemm ordni ta' infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar fuq l-istalel. Il-KLR qabel Żvilupp fil-Wied t'Għeriexem

illi għandha toħroġ *press release* biex il-pubbliku jkun jaf li aħna kontra dan l-iżvilupp.

22.04.06 Is-Sur Ian Vassallo talab illi għandha tintbgħat *reminder* dwar it-talba li titwessa' t-triq għajn Qajjet fejn hemm bankina esaġerata fi Vjal il-Ħaddiem kantuniera mal-pjazza quddiem iċ-ċentru Għajn. — Twessiegħ ta' Vjal il-Ħaddiem k/m Pjazza tal-Għajn

22.05 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tar-Restawr tan-Niċċa tal-Karmnu** — Niċċa tal-Karmnu

Il-Kunsill ra u kkunsidra r-rapport RLC/50/190/2020 tal-evalwaturi tal-offerta pubblika tan-niċċa tal-Karmnu. Kien deċiż illi dawn ix-xogħlijiet jingħataw lill-Agius Stone Works u se ssir ir-rakkomandazzjoni biex jibda' x-xogħol.

22.06 **Talba għat-tiġdid tal-Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv (biex tiġi mibgħuta lid-DLG)** — Vacation leave tas-SE

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva li l-massimu tas-siegħat *Vacation Leave* li se jkunu mitluba biex jiġu ttrasferiti għas-sena 2021. Din it-talba trid tiġi wkoll magħmula lid-Dipartiment Gvern Lokali.

22.07 **Proposta ta' *Backfilling of existing quarry, construction of concrete batching plant and block manufacturing machine at Ta' Tlata, Quarry 32, Triq Santa Katerina, ir-Rabat PA/5918/19*** — Żvilupp propost f'Santa Katerina

Il-KLR iddeċieda li joġġezzjoni għall-iżvilupp fil-barriera tat-Tlata fl-irħajjel ta' Santa Katerina għal dawn ir-raġunijiet. Il-permess jinsab sew qrib skola (is-Swatar) u għandu impatt ambjentali kbir bit-trabijiet fini li jtiru ma kullimkien speċjalment fuq il-*Housing Estate* ta' Għar Barka u d-djar ta' Santa Katerina. Minn dejjem kien ittamat illi wara li jitqatta' l-blat kollu din iż-żona terġa' lura għal dak li kienet qabel – għelieqi u mhux tinbidel f'*batching plant u concrete mixing plant.*

22.08 **Relokazzjoni tar-Rabat *Euro Intermodal Hub* għal quddiem il-BOV branch** — Euro Intermodal Hub

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra l-proposta biex l-*Intermodal Hub* jitpoġġa fuq is-Saqqajja minflok kif propost fl-Għalqa ta' Kola. Dan se jiġi viċin il-*bus shelter* eżistenti għaliex TM qed toġġezzjoni illi fejn kien propost hemm diffikultajiet min-naħa tagħha.

22.09 **Talbiet għall-Permessi ta' l-Attivitajiet mil-Kunsill fiċ-ċirkostanzi tal-Covid 19** — Permessi tal-Attivitajiet ta' barra

Dwar iż-żewġ applikazzjonijiet quddiem il-KLR biex isiru żewġ attivitajiet fl-Imtaħleb, *zip line* u *hill climb* il-Kunsill dam għal diversi ħin jikkunsidrahom u jiddiskuti. Is-Sur Matthew Chetcuti qal illi f'każ illi l-KLR jiddeċiedi li joħroġ il-permessi, m'għandux jinżamm responsabbli minħabba s-sitwazzjoni f'pajjiżna tal-Covid 19. Fl-ambitu illi l-permess mid-Dipartiment tas-Saħħa ħareġ diġa' u minn dak in-nhar 'hawn baqgħu jiżdiedu r-rati ta' nfezzjonijiet, il-permess għandu jkun revokabbli biex ikollna is-serħan il-moħħ. Dr Karl Muscat qal illi ħamest ijiem mill-attività, l-organizzaturi għandhom jikkonfermaw il-permess tal-awtoritajiet tas-Saħħa biex żgur inkunu ċerti li għadna konformi. Is-Sindku qal illi hu preokkupanti l-fatt illi t-toroq fl-Imtaħleb huma kollha maqlugħin u anke l-passaġġ għall-vetturi hu pjuttost skabruż. Intant kien deċiż illi joħroġ il-permess u tiddaħħal kundizzjoni oħra illi l-KLR ma jinżammx responsabbli f'każ illi ssir xi ħsara fuq xi vettura fil-każ tal-*Hill Climb.*

22.10 **Appell – Rikostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun** — Appell ta' Ġnien Bir Iljun

L-appell tal-offerta pubblika tar-rikostruzzjoni tal-ġnien ta' Bir Iljun se jinstema' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2020 u se jkunu mħarrka, is-SE, il-bord tal-evalwazzjoni u l-Inġinier Galea Curmi li kien l-espert tekniku fl-istess evalwazzjoni.

22.11 **Preparazzjoni għall-Master Plans u Gwida Teknika għall-Wied tal-Baħrija. (ADI Associates)** — Master Plans

Is-Sur Kris Grech tkellem fuq il-proposti *Master Plans* li qed iħejju l-kumpanija ADI Associates fuq il-widien ta' Malta. Fil-każ tagħna se nkunu involuti fid-diskussjoni tal-Master Plan tal-Baħrija, Wied il-Għasel (Chadwick Lakes) u dak tal-Ġnejna. Intant l-ewwel konsultazzjoni pubblika se ssir nhar l-24 ta' Settembru fil-Kunvent tas-Sorijiet tas-St Joseph fi Triq il-Buskett, ir-Rabat. Għal din il-laqgħa is-SE se jkun qed jagħmel stedina fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

Is-Sur Ian Vassallo kien skużat u telaq mil-laqgħa fit-8.25pm.

## 22.12 Punti Oħra

22.12.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-bżonn li l-offerti li għandna pendenti jkunu evalwati b'mod espedit. Hu qal li qed jipproponi it-twaqqif ta' kumitat addizzjonali u ssuġġerixxa illi l-kumplament tal-offerti jkunu miktuba mis-Sur Paul Bugeja filwaqt li c-Chairperson ta' dan il-Kumitat tkun is-Sra Roberta Galea u l-membri jkunu Dr Joseph Zammit, is-Sur Lawrence Busuttil u s-Sur Antoine Borg. Is-SE se jkun is-Segretarju ta' dan il-bord. Il-proposta intlaqgħet u se jkun komunikat lill-dawn il-membri l-ħatra tal-bord il-ġdid. — Twaqqif ta' kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerti addizzjonali

22.12.02 Nazju Cassar insista illi s-servizz tal-ġbir tal-iskart ikun estiż sa' l-inħawi ta' Misraħ Suffara fit-tarf mal-irdum u r-residenti jingħataw *bin* tal-iskart għaliex minn kemm ilha li tneħħiet l-iskip ta' Misraħ Suffara, dawn m'għandhomx il-faċilita' li jittieħed l-iskart tagħhom. Għal din il-proposta ma kienx hemm oġġezzjoni u se jkun komunikat dan mal-kuntratur *WM Environmental.* — Ġnien ????

22.12.03 Dr Karl Muscat qal illi jħoss illi l-KLR m'għandux idum aktar biex jibda' jinstalla wieħed minn dawn il-*Cat Shelters* li kien propost fl-applikazzjoni tagħna. Se jkun ordnat l-ewwel wieħed għall-Baħrija fil-ġnien tal-pjazza ewlenija. — Cat Shelters

22.12.04 Is-Sindku semmà l-bżonn urġenti illi jsir investiment fuq l-apparat elettroniku ta' din il-kamra biex il-laqgħat isiru b'aktar effiċjenza. Hu qal illi se napprovaw sistema tas-Sur Genovese li se tagħmel tajjeb għal imaġini u sound tajjeb waqt il-laqgħat tal-Kunsill. — Apparat aktar avvanzat għall-bord room

22.12.05 Is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq l-inizjattivi tar-Reġjun Tramuntana. Hu qal illi l-*events* tal-Kunċert tal-Banda u tal-logħob tan-nar se jerġgħu ikunu posposti minħabba n-numru dejjem jiżdiedu tal-infezzjonijiet tal-Covid 19. — Attivitajiet mir-Reġjun

22.12.06 Proposta oħra li semma' is-Sur Chetcuti li wkoll kienet xprunata mir-Reġjun Tramuntana, hija dik tal-mixja tal-*Pink October* fuq il-*Victoria Lines.* — Pink October

22.12.07 Xi ħaġa oħra ta' nteress hija li r-Reġjun inqasam fi tlieta u ir-Rabat sejjer mar-Reġjun Punent. Dan sostnieħ is-Sur Matthew Chetcuti fejn sostna illi s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun se jiltaqa' mal-Pulizija biex jiddiskuti dwar l-attivitajiet sportivi li kienu imħejjija aktar kmieni. — Ir-Rabat għar-Reġjun Punent

## 22.13 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-21.00pm u l-Kunsill se jsejjaħ il-laqgħa li jmiss nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 2020 fis-6.00pm. — Tmiem

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula mis- | Sur Anthony Bonello u approvati llum | ta' Settembru, 2020 mis- | Sur Sandro Craus |
| | Segretarju Eżekuttiv | | Sindku |